# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Abdalla Yahya**

**Illum 22 ta' Lulju 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Abdalla Yayha, ta' 19 -il sena, iben Yahya Zakarija ua Khatira, imwieled Darfour Sudan, nhar is-17 ta' Settembru, 2001 u residenti gewwa Hal Far Tent Village u detentur ta' numru tal-Pulizija 19U-0163.

Akkuzat talli;

Nhar l-20 ta' Lulju, 2021 bejn l-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) u l-ghaxra u nofs ta' filghaxija (22:30hrs) gewwa Hal Far u/jew gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Talli volontarjament hassar u/jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Ducato Van Lastrato bin-numru tar-registrazzjoni GVH 207 liema hsara tammonta ghas-somma ta' 507.61 ghad-dannu ta' Mater Dei Hospital/Ministeru tas-Sahha u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-infermier Joseph Farrugia, persuna inkarigata skond

il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'post pubbliku jew accessibbli ghal pubbliku kien jinsab fi stat ta' sakra b'mod li ma' kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti, hija wkoll mitluba, bl-iskop li tipprova ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe', l-infermier Joseph Farrugia jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna imsemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u l-familja tieghu ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll il-Qorti, hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mgjuba konta tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 351(c), 338(dd) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lid-Dipartiment tas-Sahha s-somma ta' hames mija u sebgha Euro u wiehed u sittin centezmu (€507.61) bhala kumpens ghad-danni subiti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**